**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR.IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Illum, 15 ta' Dicembru 2021**

**Rikors Numru : 267/2018 JPG**

**Kawza numru: 26**

***MS**

**Vs**

**L-Avukat Dottor Keith Anthony Borg bhala mandatarju specjali tal-assenti DCV.**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat ta' JMS, datat 15 ta' Ottubru 2018, a fol et seqq, li jaqra hekk:

1. *Illi l-kontendenti, cioe l-attrici JMS u l-konvenut DCV, kienu zzewgu fis-26 ta' Settembru 2010.*

2. *Illi minhabba problemi ta' fertilita' illi kellu l-konvenut – illi skont ma gew avzati l-kontendenti setghu facilment gew rizolti medikament – il-kontendenti qablu illi l-attrici kellha tohrog tqila permezz tal-procedura ta' inseminazzjoni artificjali – illi kien in effett jinvolvi illi tohrog tqila b' zerriegha ta' ragel iehor injot.*

3. *B' dan l-intervent twieled it-tifel NCV f'X gewwa A,S u t-twelid tieghu gie imbaghad registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta (***Dok. A u Dok. B***).*

4. *Illi l-imsemmi tifel N, allura ma huwiex il-wild naturali tal-konvenut u ma giex addottat mill-konvenut izda huwa legalment meqjus bhala wild il-konvenut bis-sahha tal-prezunzjonijiet tal-istess kontendenti illi gew fis-sehh, sew gewwa Malta u kif ukoll gewwa S, illi jirrigwardaw ulied imwielda matul iz-zwieg tal-omm.*

5. *Illi l-kontendenti gja kellhom xi disgwid qabel ma twieled l-imsemmi minuri N u dan id-dizgwid baqa' jizdied wara t-twelid tieghu tant illi l-kontendenti infirdu de facto f' Ottubru 2012 – allura hdax il-xahar wara t-twelid ta' N – u imbaghad, permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni fl-atti tan-Nutar Dottor Marco Burlo' tal-4 ta' Marzu 2013 (***Dok. C***), infirdu definittivament minn xulxin.*

6. *Illi meta gie ffirmat l-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni, l-attrici kienet qeghda tghix Malta flimkien mal-minuri binha filwaqt illi l-konvenut, DCV, kien jghix S. Madwar xahrejn* ***wara*** *l-publikazzjoni tal-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni, il-konvenut telaq minn S u mar jghix NZ u fil-perjodu kemm ilhom mifruda l-kontendenti l-konvenut gie Malta biss ghal vaganzi qosra.*

7. *Illi fl-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni taghhom, il-kontendenti rregolaw l-access illi l-konvenut kellu jkollu ghall-minuri, imfassal fuq l-aspettattiva korretta illi l-konvenut kien sejjer ikun jghix il-boghod hafna mill-minuri. Inter alia, gie miftiehem ukoll illi l-konvenut ikollu access liberu ghat-tifel meta jkun ghal btala Malta b' dan illi wara li t-tifel ikun ghalaq hames snin – it-tifel jghalaq sebgha (7) snin f' Novembru li gej – il-konvenut ikollu d-dritt illi jraqqad mieghu lit-tifel ghal jumejn fi tmiem il-gimgha. Dawn l-arrangamenti mbaghad jergghu jinbidlu meta t-tifel jghalaq tmin (8) snin.*

8. *Illi meta dana kollu gie kkontrattat – wara ftit xhur ta' firda mill-konvenut zewgha – l-attrici dehrilha illi dak stipulat fir-rigward tat-tifel minuri kien sejjer ikun fl-interess tal-istess minuri u kien sejjer jippermetti illi jinbena rapport sostenibbli mal-konvenut, illi allura kien jghix gewwa S u seta jivvizita Malta regolarment u seta anke gie jghix Malta.*

9. *Illi sejjer jirrizulta mill-provi illi dan ma garax u li l-minuri u l-konvenut ma ghandhom ebda rapport u ma huwiex fl-interess tal-minuri illi jibqa' jigi mgieghel jara l-konvenut kull meta l-konvenut jigi Malta biex jara lill-genituri*

*tieghu. Fil-fatt, il-minuri qieghed jittrabba eskluzzivament mill-attrici ommu, u l-uniku rapport illi ghandu mal-konvenut huma dawk il-ftit minuti fil-gimgha fejn il-konvenut ikollu konversazzjoni bierda mal-minuri. Din il-konversazzjoni hija haga li ddejjaq lit-tifel u l-attrici trid prattikament tisforzah ipoggi quddiem il-computer u tibqa' taghmel supervizjoni lill-minuri sabiex tizgura illi jkellem lill-konvenut. Imbaghad meta l-konvenut jsib hin jigi Malta, huwa jimponi fuq l-attrici granet u hinijiet ta' access ghal N illi min-naha tieghu jaghmel li jista' biex jikkonvinci lill-attrici ommu illi ma jridx jmur jara lil konvenut ghal hinijiet twal.*

10. *Illi kif inghid, il-konvenut ma huwiex la l-missier naturali tal-minuri N u lanqas il-missier addottiv. Forsi aktar importanti mill-assenza ta' rapport genetiku jew biologiku bejn il-konvenut u l-minuri hija l-assenza totali ta' kwalsijasi rapport personali, emottiv jew ta' affett, bejn il-konvenut u t-tifel gej mill-fatt illi l-konvenut mhux biss qatt ma rabba, jew altrimenti kien involut fit-trobbija tat-tifel, izda wkoll ghaliex il-konvenut u t-tifel ma jghixux fisikament ma', jew vicin, xulxin u l-unika interazzjoni taghhom hija elettronika u bierda hafna.*

11. *Illi l-attrici ticcara, ghaliex huwa wkoll rilevanti f' din il-materja, illi l-bruda tal-konvenut lejn il-minuri NCV bdiet mit-twelid tal-istess minuri u ppersistiet matul il-ftit xhur ta' konvivenza bejn l-attrici u l-konvenut. Il-konvenut kien jammetti illi kien biered hafna lejn il-minuri u s-soluzzjoni tieghu kienet illi jaghmel l-intervent kirurgiku illi kien jinhtieg biex jikkorregi l-infertilita' tieghu u jkollu wild mal-attrici. L-attrici kienet ghamlitha cara illi qeghda tirrifjuta illi jkollha wild komuni ma' zewgha ghaliex kien car illi N kien imbaghad jitwarrab ghal kollox mill-konvenut.*

12. *Illi l-attrici qeghda tistitwixxi dawn il-proceduri biex dak stabbilit fil-kuntratt ta' separazzjoni tal-4 ta' Marzu 2013 u l-qaghda tat-tifel tigi mistharrga akkuratament minn dina l-Onorabbli Qorti, u l-Qorti taghti dawk il-provedimenti mehtiega fl-interess tal-istess tifel minuri, dwar l-access u t-trobbija tieghu.*

13. *Illi l-attrici giet debitament awtorizzata illi tipprezenta kawza kontra zewgha b' digriet f' dan is-sens moghti minn dina l-Onorabbli Qorti fl-14 ta' Awwissu 2018* ***(DOK D)****.*

*Ghaldaqstant l-attrici titlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:*

1) *Thassar u tannulla, fl-interess suprem tal-istess minuri NCV, dak kollu miftiehem mill-kontendenti fl-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni tal-4 ta' Marzu 2013 dwar il-granet, hinijiet u modalitajiet ohra ta' access stabiliti fl-imsemmi kuntratt favur il-konvenut fir-rigward tat-tifel minuri NCV, inkluz il-modalitajiet ta' access; u*
2) *Tordna illi, fl-interess suprem tal-istess minuri, l-konvenut u l-genituri tieghu ma jkollhom ebda access ghall-istess minuri;*
3) *Jekk kemm il-darba t-talba precedenti ma tigix milqugha in toto, tordna illi l-access tal-konvenut ghall-istess minuri NCV jkun ridott ghal dawk il-granet u hinijiet illi jkun wera l-minuri illi jixtieq li jkollu kuntatt mal-konvenut;*

*Bl-ispejjes, kontra l-konvenut illi huwa minn issa ingunt ghas-subizzjoni.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-appuntament tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta guramentata ta' L-Avukat Dottor Keith Anthony Borg bhala mandatarju specjali tal-assenti DCV datata 2 ta' Novembru 2018 li taqra hekk:

It-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu respinti fl-intier taghhom ghar-ragunijiet kif hawn aktar 'l isfel elenkati:

1. *Fl-ewwel lok, in linea preliminari, din il-kawza hija impronibbli. Dan abbazi tal-fatt illi l-attrici rrinunzjat ghall-atti li ntavolat permezz tar-Rikors Guramentat numru 266/16 AL u sussegwentement baqghet ma hallsitx l-ispejjez dovuti lill-esponenti nomine hekk kif jitlob l-art. 907 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.*

2. *Fit-tieni lok, minghajr hsara ghall-premess, ukoll in linea preliminari, il-kawza odjerna hija nulla in kwantu ma gietx intavolata fit-terminu hekk kif stabbilit mill-art. 4(12) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 12.20 tal-Ligijiet ta' Malta.*

3. *Fit-tielet lok, minghajr hsara ghall-premess, ukoll in linea preliminari, l-ewwel talba tar-rikorrenti, in kwantu din titratta t-thassir u n-nullita' ta' parti biss tal-att pubbliku tal-4 ta' Marzu 2013, hija wkoll improponibbli. B'zieda ma' dan u fi kwalunkwe kaz, ma tezisti ebda raguni fil-Ligi illi in forza taghha l-att pubbliku in kwistjoni jista' jigi dikjarat null u konsegwentement imhassar.*

4. *Fir-raba' lok, minghajr hsara ghall-premess, ukoll in linea preliminari, l-ewwel zewg talbiet huma kunfliggenti; ir-rikorrenti jehtigielha ghaldaqstant tiddikjara liema minnhom hija ser izzomm ferm. Ir-rikorrenti ma tistax, fl-istess att gudizzjarju, titlob dikjarazzjoni ta' nullita' u konsegwenti thassir ta' ghadd ta' obligazzjonijiet naxxenti mill-att pubbliku tal-4 ta' Marzu 2013 u l-varjazzjoni tal-istess.*

5. *Fil-hames lok, fil-mertu, l-att pubbliku tal-4 ta' Marzu 2013 gie mfassal, maqbul mir-rikorrenti, u awtorizzat minn din l-Onorabbli Qorti fuq il-premessa tad-distanza bejn il-missier u l-minorenni NCV, minkejja liema distanza, mposta wara kollox b'ghemil ir-rikorrenti stess, nbena bejn il-missier u ibnu rapport personali, ta' affett genitorili, u li kif ser jigi muri, fuq kollox rapport sostenibbli, fil-qafas ta' liema l-minorenni jaghraf lill-intimat bhala missieru.*

6. *Fis-sitt lok, b'zieda mal-premess, fic-cirkostanzi ma tezisti ebda raguni sabiex din l-Onorabbli Qorti timxi lill hinn mill-principju gvernanti ta' pacta sunt servanda.*

7. *Fis-seba' lok, ukoll b'zieda mal-premess, it-talbiet tar-rikorrenti huma lesivi u infondati mhux biss in vista tad-drittijiet tal-esponenti missier, izda anke ghad-drittijiet tal-minorenni NCV.*

8. *Fit-tmien lok, in aggjunta mas-suespost, din il-kawza ntenatata wara aktar minn hames snin u nofs mill-pubblikazzjoni tal-att ta' separazzjoni personali bejn l-kontendenti, m'hi xejn ghajr tentattiv ennesimu tar-rikorrenti li taljena lill-minorenni NCV minn missieru u tizvesti lill-istess, mill-paternita' u mid-drittijiet genitorili tieghu, partikolarment fi zmien fejn l-imsemmi kuntratt jikkontempla zieda fid-drittijiet ta' access tal-missier u tal-minorenni.*

9. *Fid-disa' lok, it-talbiet tar-rikorrenti jibqghu nfondati u fid-dritt.*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi mil-Ligi.*

*Bl-ispejjz kontra r-rikorrenti u b'riserva ta' kwalunkwe azzjoni spettanti lill-intimat DCV kontra l-istess.*

Semghat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-digrieti precedenti taghha;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Semghat it-trattazzjonijiet tal-avukati difesnuri tal-partijiet;

**Ikkonsidrat:**

***L-attrici, JMS, xehdet nhar it-12 t'April 2019*** *(vide fol 38 et seq)* u spjegat illi fis-sena 2008 kienet l-I, u li sakemm kienu hemm, huma kien qeghdin jippruvaw jikkoncepixxu tfal qabel ma kienu zzewgu izda kien hemm problema. Illi minn hemm huma fittxew il-parir ta' esperti u rrizulta illi l-intimat kellu l-problema ta *low sperm count* u kellu bzonn intervent mediku sabiex ikun jista' jsir *IVF* izda l-intimat kien irrifjuta li jsir l-intervent. Huwa imbaghad ried li ssir *artificial insemination* minn *doner*. Illi dan il-process huwa process twil u invasiv li jaffetwa l-mara. Illi ghalkemm hija ma xtaqitx li taghmel dan, ma kellhiex alternattiva ohra. Illi l-ispejjes tal-process inqasmu u wara hdax (11)-il ciklu, r-rikorrenti harget tqila bil-minuri N. Illi tispjega illi kienet hi li ghazlet id-donatur u dan wara li l-intimat ma sabx hin biex jippartecipa f'din l-ghazla.

Izzid illi waqt l-*iscans* fit-tqala, ir-ragel kien prezenti ghal wiehed biss u dan minkejja li huwa kien *pathologist* fl-istess sptar fejn kien qed isir il-procedura. Ir-rikorrenti tispjega illi l-intimat kien presenti dakinhar li t-tabiba kienet indunat li kienet fil-bidu tal-hlas, pero l-intimat minflok wassalha d-dar, halliha tmur lura sad-dar bil-mixi. L-ghada kellha t-tarbija u tul it-tlett ijiem li ghamlet id-dar, kienet dejjem wahidha u filfatt kien mar darba biss wara li talbitu jgibilha kafe u xi haga x'tiekol. Di piu', ma kien hemm l-ebda *interaction* mill-intimat mal-minuri, qatt ma refghu jew zammu, qatt ma biddilu hrieqi, qatt ma tah *bottles*, u qatt ma hargu. L-intimat kien jghid lir-rikorrenti li huwa mhux *baby sitter* u li t-tarbija ta' dik l-eta ghandha bzonn biss lill-omm. Izzid illi wara tlett, xhur ried li jkollhom tarbija ohra u filfatt kienu xtraw l-isperma rimanenti tal-istess *doner* u kien spjega lit-tabiba li huwa ried ikollu tarbija izda din ma kienitx

ippermettiet dan in vista tal-process shih li kienet ghaddiet minnu l-attrici. Illi minn dakinhar l'hawn, l-intimat beda jhares lejn r-rikorrenti u lejn it-tarbija b'certu rizentiment tant li beda jkun aggressiv mal-attrici.

Tixhed illi kienu nizlu lura Malta diversi drabi izda kien ikun irrid li joqghod wahdu jilghab ic-*chess*. Illi darba minnhom kienu gew Malta fuq btala minhabba li l-intimat kellu jiehu sehem f' *chess tournament* u kien f'dan il-perjodu li qalilha li ma kienitx qed taghmlu kuntent, u li ried li N jitrabba minn nanny. Filfatt kienu ddecidew li jaqbdu toroq separati u hu baqa jghix barra minn Malta. Dan kien f'Ottubru tas-sena 2012 meta t-tarbija kellha biss hdax –il xahar. Illi sussegwentement f'Novembru jew Dicembru bdew il-proceduri ghas-separazzjoni. Tispjega illi wara t-*tournament* l-intimat mar lura l-S u fi Frar gie lura biex iffirmaw il-kuntratt ta' separazzjoni. Tispjega illi f'Marzu telghat ghall-affarijiet taghha izda ma kienetx sabet nofshom u l-intimat kien infurmaha li kien sejjer *NZ* peress li kien sab xoghol hemmhekk u dana minkejja li hija kienet taf li kienu offrewlu xoghol anke Malta.

Fir-rigward tat-tifel, tghid illi sakemm kienu ghadu qieghed jikber, l-intimat kien jarah madwar darbtejn jew tlett darbiet fis-sena izda qatt ma kien hemm *bond* bejniethom. Filfatt kien jibki u johlom ikrah kull darba li kien ikollu imur mal-intimat. Tikkonferma illi meta ssperaw u ffirmaw id-dokumenti ghas-separazzjoni il minuri kellu sena u tlett xhur u sa dak iz-zmien l-intimat kienu ghadu l-S. Illi f'dan l-interval ma kienx hemm access, u qatt ma kien icempillu. L-intimat kien rah biss meta f'Jannar nizzel biex jiffirma s-separazzjoni. Illi wara li kien mar jghix f'*NZ* kien gie lura Malta ghal gimghatejn u kien rah kuljum ghal madwar siegha u kien imur jarah ghand omm l-attrici u li f'dan iz-zmien il-minuri kien qorob biex jaghlaq sentejn.

Illi wara li ffirmaw il-kuntratt, l-intimat kien ikollu access permezz ta'Skype kull nhar ta' Hadd u dan fuq insistenza tal-attrici. L-intimat kien jinzel jarah Malta bejn darbtejn jew tlett darbiet fis-sena. Illi kif l-minuri ghalaq hames snin beda jmur *sleepover* ghand il-genituri tal-intimat. Illi l-minuri ma kienx ikun irrid imur tant li kien ikollha tixtri lill-minuri b'gugarell gdid jew b'xi harga ghaliex l-intimat kien jippretendi li la qieghed Malta, il-minuri jrid imur. Izzid illi l-genituri tal-intimat johduh saghtejn kull xahar li normalment ikun il-Hadd u filfatt issir l-*iskype call* mal-intimat. Tixhed illi l-minuri jghidilha illi in-nanna paterna ma thobbux u li thares lejh b'mod stramb, waqt li missier l-intimat huwa "*nice*" mieghu. Tispjega illi ghall-minuri jqis zjara ghand in-nanniet paterni bhala *"punishment."* Tirrileva illi l-minuri jirreferi ghall-intimat b'ismu u mhux bhala papa.

Tixhed illi l-minuri jaf il-verita fuq il-koncipiment tieghu u jaf li x'mkien madwar id-dinja ghandu missier bjologiku. Izzid illi l-minuri jara li m'hemm xejn in komuni mal-intimat u meta jibda javvicina z-zmien tal-access, il-minuri jibda juri certu ghemil bhal ma jiekolx, li juriha, li ghall-minuri, l-access huwa meqjus bhal kastig. Izzid illi l-intimat ma jzommx mal-granet u l-hinijiet stabbiliti fil-kuntratt meta jkun Malta u li anke ried li jiehu lill-minuri mieghu fuq safra u dan minkejja li l-minuri ma jridx imur u ghalih din hija trawma kull darba, tant li gieli qalilha li: *"I wish he was dead"*, ghall-intimat u dan minkejja li hi qatt ma qaltlu affarijiet negattivi fil-konfront tal-intimat. Meta fis-sena 2018 l-intimat ma nizilx ghall-Milied, il-minuri kien qalilha *"that is the best present I could ever receive."*

***In kontro-ezami*** l-attrici tikkonferma illi meta kienu sseparaw b'mod fiziku dan kien gara meta kienu qeghdin Malta ghaliex l-intimat kellu jiehu sehem f'*chess tournament* u li filfatt huma kellhom jirritornaw lura l-S wara dan it-*tournament.* Tichad illi hija kienet ftehmet mal-intimat li kienet ser tirritorna l-S izjed tard minhabba li kienet qed tattendi kors ta' *cake decoration.* Tixhed illi kien hemm trapass ta' tlett xhur minn meta l-intimat irritorna lura l-S wahdu u meta kkonludew il-kuntratt ta' separazzjoni u dana peress li l-proceduri ta separazzjoni kienu saru kemm jista jkun malajr minhabba s-sensittivita tal-kaz u l-intimat filfatt ried s-separazzjoni. Tinnega li qatt isemma il-htief tal-minuri jew li l-intimat kellu ntenzjoni li jintavola proceduri rigward l-htief tal-minuri, izda kien heddidha li ser jaghmel dan f'Qorti estera jekk is-separazzjoni ser tiehu fit-tul. L-attrici pero tikkontendi li huma kienu qablu li l-minuri ser jibqa' maghha. Tikkonferma wkoll illi l-intimat ihallas retta alimentari ghall-minuri b'mod regolari.

Tixhed illi meta kienu qeghdin jiddiskutu l-kuntratt ta' separazzjoni, l-intimat kien ghadu jirrisjedi f'A u li il-kuntratt kien ibbazat fuq il-premessa li l-intimat kien ser ikun qieghed jirrisjedi fl-Ewropa. Izzid illi fl-2015, l-intimat kien infurmaha illi huwa kien lest li jirrilaxxa l-kustodja tal-minuri unikament f'idejn l-attrici u meta hi kienet avvicinat avukat fuq dan, pero giet infurmata illi l-Qrati ma kienux ser jaccettaw li l-minuri jigi registrat fuq missier mhux maghruf gialadarba kien registrat fuq l-intimat. Filfatt dawn il-proceduri ma kienux gew ammessi mill-Qorti. Tikkonferma ukoll illi kull darba li sar rikors minhabba l-access, il-minuri kien jinstema minn Avukat tat-Tfal u filfatt il-Qorti kienet tilqa r-rikors tal-intimat ghall-access u dana fuq rakkomandazzjoni tal-Avukat tat-Tfal.

L-attrici tikkonferma illi r-ritratti esebiti huma tal-minuri. Mistoqsija rigward l-proceduri li hija irtirat, tirrileva illi dawn kienu gew irtirati ghaliex hasset illi l-Qorti ma kienitx gusta fil-konfront ta' binha.

***JS, omm l-attrici xehdet nhar it-23 t'Ottubru 2019, (vide fol 104***) tispjega illi l-attrici ghamlet sitt snin tghix maghha wara li giet minn barra u li issa qed tirrisjedi fid-dar taghha. Xehdet li l-attrici hija *manager* go lukanda u tahdem *flexible hours* minhabba l-hinijiet tal-iskola tat-tifel u gieli jkun hemm granet fejn izommu hi ukoll ghal xi nofs siegha kollox, u cioe minn x'hin jigi mill-iskola – xi 3:30 u fl-4:00 meta tigi ghalih ommu. Izzid illi fil-*holidays* tas-sajf gieli jaghmel iktar hin max-xhud izda l-attrici gieli haditu maghha x-xoghol. Tikkonferma illi l-attrici issa ghalqet seba' snin lura Malta.

Omm l-attrici xehdet illi l-partijiet kienu tlewmu serjament xi tlett ijiem qabel il-*birthday* tal-intimat xi seba' snin ilu u bintha kienet kostretta ma tirriturnax lura l-S mal-intimat giet ghaliex l-minuri kien qabdu l-*foot and mouth disease* u kellu jibqa Malta sakemm fieq. Filfatt l-attrici JMS ma kienitx taf, sa dak il-mument, li kien hemm l-inwkiet bejn il-kontendenti. Filfatt bintha giet Malta b'*hand luggage* biss. Dak iz-zmien it-tifel kellu ghaxar xhur u sostniet li hi u l-attrici kienu ghamlu lejl mat-tifel jibki filwaqt li l-intimat kien qaghad f'kamra ohra jilghab ic-*chess.* Minkejja li l-intimat tabib, kellhom igibu t-tabib taghhom li ssuggerilhom imorru bil-minuri ghand specjalista.

Ix-xhud tirrakonta illi kull darba li l-intimat jigi Malta, it-tifel dejjem bil-biki ghaliex ma kienx ikun irrid imur mieghu. Tikkonferma illi l-intimat ilu NZ mit-2013 u lill-minuri jarah meta jinzel Malta ghal xi *chess tournament*, jew xi konferenza. Tixhed illi meta jinfurmaw lill-minuri li missieru gej Malta, il-minuri jiehu qatgha u jibda jghidilhom "uff xi dwejjaq", tant li gieli qalilha li jixtieq li jkun go sptar biex ma jmurx mieghu: *"I wish I was in a hospital so I will never see him jew I will never go out with him."* Illi l-minuri jaghmel l-istess haga meta jkun imissu jmur mal-genituri tal-intimat tant li meta jibda javvicina r-ritorna tal-intimat, il-minuri kien jibda jaghmel tahtu u dan anke wara li kien qata n-*nappy.* Il-minuri kien jghidilhom li lilu hadd ma jrid jisimghu. Izzid illi l-intimat qatt ma refghu lill-minuri u filfatt kien ikun missier l-intimat li jerfghu. Illi meta jigi lura, il-minuri igerger li ddejjaq ma' missieru, u li anke meta jmorru l-*Isplash and Fun,* l-intimat jibqa bilqeghda jew fuq il-*computer*. Rigward dan l-episodju tixhed illi l-minuri kien qalilha: *You know nanna… I had to share a bottle of coke with D, while Isaac had a whole bottle for himself."* Meta l-minuri kien jigi jirrakonta dawn l-affarijiet il-minuri kien ihossu frustrat u jghidilha li l-intimat ma jikkalkulahx lilu. Izzid illi l-intimat jinjoraha totalment tant li darba minnhom f'Settembru minkejja li l-minuri kellu *gastritis,* l-intimat insista li jiehdu xorta u minkejja li x-xhud kienet qaltlu li kellu jaghtih il-qratas, l-intimat li huwa tabib, ma kienx tajhomlu.

Izzid ukoll li l-minuri gieli gie jitkellem hazin u filfatt kien qalilha li l-intimat gieli qal dawn il-kliem waqt li jkun mieghu fit-traffiku.

***L-intimat xehed nhar id- 9 ta'Jannar 2020 (vide fol 138 et seq)*** u filwaqt li kkonferma l-kontenut tal-affidavit tieghu bil-gurament spjega illi hu u l-attrici kienu damu jippruvaw ghat-tfal u meta raw li kellhomx success, kienu marru jaraw specjalista. Dan kien ordna testijiet kemm ghalih u ghall-mara. Illi minn dawn it-testijiet, irrizulta illi huwa kien infertili, u meta regghhu kelmu lill-ispecjalista, l-iktar opzjoni li kien sahhaq fuqha kienet l-opzjoni ta' *donor insemination*. Kien hemm alternattiva ohra li pero kienet tirrikjedi intervent kijurgiku izda minhabba il-probabilita zghira ta' success, ma kienx tah parir li jmorru ghaliha. Izid illi mit-testijiet li sarulu, x'aktarx li mit-twelid, l-intimat qatt ma pproduca sperma u li skond dan l-ispjecalista, c-cans li jsibu sperma hajja kien zghir u ma tahx parir li jaghmel l-intervent.

L-intimat jikkonferma illi l-minuri mhuwiex biologikament ibnu. Illi wara li kellhom lill-minuri, l-intimat jishaq illi kienu iddiskutew il-possibilita li jkollhom it-tieni tarbija ghaliex huwa xtaq li jergghu jippruvaw u jiehdu *second opinion* u kienu kelmu lic-*chief nurse* u li din kienet qaltlu li hu tabib u li jaf li c-cans kien minimu ghal ahhar. Izid illi din kienet il-*Head tal-Unit tal-Facility*. Jirrileva illi hadd mill-ispecjalisti li kkonsulta maghhom ma ssugerixxa li jaghmel l-intervent. Jinnega li c-*Chief Nurse* kienet qaltlu diskors fis-sens: "li trid iben minn tieghek wara li ghaddejt lil martek minn *donor insemination."*

Izid illi meta gew Malta f'Ottubru tat-2012, huma kienu nizlu ghal btala u waqt li kienu hawn, l-attrici kienet qaltlu li ser tibqa Malta minhabba kors ta' *cake decoration* u li kellha tirritorna l-S ghaxart ijiem wara. Hu mar lura l-S u wara xi gimghatejn, l-attrici kienet infurmatu li ser tibqa Malta. Wara li ghaddiet gimgha ohra qaltlu li fethet kawza ta' separazzjoni.

Jispjega illi dak iz-zmien kien hemm bidu ta' problemi minhabba l-fatt li hu kien wasal biex jispicca t-*training* tieghu u kien qieghed ifittex xoghol. Illi ghalkemm l-attrici riedet li jigu lura Malta. F'Malta ma kienx hemm *vacancy* ghal Patologista u filfatt beda jfittex xoghol fl-S fejn kienu qeghdin jghixu. Filwaqt li jikkonferma li kellhom bosta argumenti, huwa jinnega li qatt qal lill-attrici li kien lesta li jaghti lill-minuri ghall-addozzjoni.

Mistoqsi jekk l-attrici rrezistietx ghall-access, jikkonferma li dan kien minnu, li huma kienu irrivedew l-access f'diversi *scenarios*, kemm jekk isib xoghol Malta u kemm jekk isib xoghol fl-

S, fl-Ewropa jew barra mill-Ewropa. Huwa xtaq li fl-eventwalita' li ma jigix Malta, huwa jkollu xahar mal-minuri waqt il-vaganzi, izda fl-ahhar, kien hemm qbil illi huwa jkollu xahar access mal-minuri ghal *holiday* la darba jaghlaq tmien snin.

Mistoqsi jekk l-attrici kienitx giet imwissija li sejrin isiru proceduri ai termimi tal-Konvenzjoni tal-Aja, l-intimat jixhed illi huwa kien infurmaha illi kien qieghed jikkunsidra tali proceduri. Mistoqsi jekk jafx li l-proceduri tal-medjazzjoni li waslu ghal dawn il-proceduri dwar il-kura u l-kustodja bdiehomx hu, l-intimat jishaq illi dawn it-dettalji ma jafhomx. Mistoqsi jekk ghadux ifittex xoghol f'Malta jew Scotaland jew pajjiz Ewropew iehor, jishaq illi din l-option ghadha fuq ir-radar tieghu, pero ghandu l-hajja tieghu fi NZ, illi pero f'dan l-istadju mhuwiex qieghed ifttex xoghol b'mod attiv u li l-ahhar li kien qieghed ifttex kien madwar sentejn ilu. Izid illi ghalkemm jixtieq li jkun vicin l-minuri, issa rabba l-gheruq fi NZ, u li f'dan il-mument mhuwiex qieghed ifttex biex jibdel x-xoghol. Mistoqsi ghaliex tul dawn is-sentjen ma kienx qieghed ifittex xoghol fl-Unjoni Ewropea jew f'Malta biex ikun eqreb ghall-minuri, l-intimat jirrileva illi ghalkemm ghaddietlu minn mohhu, li kieku kellu jkun l-Ingilterra, xorta tkun difficli biex jinzel iktar minn darbtejn jew tlieta fis-sena. Jishaq illi fi NZ huwa ghandu l-impjieg tieghu u ghandu relazzjoni ohra. Jikkonferma illi l-ahhar li gie Malta kien ha sehem f'kompetizzjoni tac-*Chess* u li meta sar jaf b'din il-kompetizzjoni, kien informa lill-attrici li ser jinzel Malta. F'dak il-perjodu wkoll kellu kors l-Italja fejn kien ghamel gimghatejn u wara gie Malta ghal gimghatejn u nofs. Illi dan kien f'Lulju, stante li f'Settembru kien hemm kompetizzjoni ohra Malta u kien nizel ukoll.

Jinnega li l-minuri ma jiehux gost waqt l-isleep overs. Anzi jishaq li mieghu il-minuri qatt ma jaghmel xenati tant li qabel jorqod jghidlu biex jaqralhu bedtime story. Mistoqsi jekk huwa ghamilx xi haga biex jaccerta ruhhu li dan it-tifel huwiex verament imdejjjaq, jishaq illi huwa staqsa lill-minuri jekk huwiex kuntent li jorqod mieghu u l-minuri qallu li iva u il-minuri jurih li qieghed jiehu gost mieghu. Izid illi l-minuri jaqbez u jghola u jiehdu hafna postiiet tad-divertiment f'Malta. Jichad li l-minuri qatt semmilhu li ma jiehux gost imur ghall-isleepovers ghalkemm ma jsaqsihx kull darba.

Dwar safar, jishaq illi hija l-attrici li titfa pressjoni fuq il-minuri biex ma jmurx u anke tbezzghu illi jekk imur NZ mal-intimat, mhuwiex ser jerga jigi lura Malta. Izid illi kien it-tifel li qallu li ommu ma tridux isiefer mal-intimat meta huwa xtaq jiehdu Euro Disney. Izid illi induna li l-attrici qeghda taghmel pressjoni fuq il-minuri anke minn emails fejn filwaqt li huwa staqsiha jekk jistax icempel lill-binhom biex jghidlu *happy birthday*, hi wiegbitu lura li jista jcempel lil

binha "MY SON." Jirrileva illi filwaqt li huwa konsapevoli tal-fatt li t-tifel mhuwiex bjologikament tieghu, huwa jqisu bhala t-tifel tieghu. Izid ukoll li l-minuri f'Lulju li ghadda qallu li ommu qaltlu li l-intimat mhuwiex jghaddilha l-manteniment kollu peress li meta huwa xtara rigal lill-minuri, it-tifel bhal donnu baqa mistghageb kif xtralu rigal li jiswa daqstant flus, tant li l-ghada qallu li ommu qaltlu li mhux itiha bizzejjed flus biex trabbih.

***In re-ezami l-intimat*** jikkonferma illi huwa impjegat u ghalhekk ghandu ammont ta' *leave* stipulat li jista' jiehu sitt gimghat fis-sena u ghandu gimghatejn ohra ghal konferenzi.

***L-intimat xehed ukoll permezz ta' affidavit (vide fol 156 et seq)*** fejn spjega illi hu u l-attrici kienu ilhom jghixu flimkien fl-S mill-2006 u kienu zzewwgu f'Settembru tal-2010 f'Malta. Illi l-minuri twieled fl-S f'X. F'Ottubru tas-sena 2012 kienu nizlu Malta ghal btala ta' hmistax meta l-attrici qaltlu li kienet ser tibqa' Malta ghaxart ijiem ohra biex tattendi ghal kors ta' *cake decoration*. Gimghatejn wara li mar lura l-S wahdu, kienet cemplitlu u qaltlu li kienet ser tibqa Malta mal-minuri u li kienet ser tibda proceduri ta' separazzjoni.

F'dan l-istadju huwa kien ha parir legali kemm fl-S u kemm f'Malta, fejn sar jaf illi kellu l-possibilita' li jitlob li l-minuri jigi estradit lura l-S ai termini tal-Konvenzjoni tal-Aja. Illi pero' il-partijiet kienu waslu ghall-ftehim, fejn l-attrici kienet ser izomm il-kustodja tal-minuri b'dana illi l-intimat ikollu dritt ta'access. Izid illi s-separazzjoni taghhom giet finalizzata f'Marzu tas-sena 2013, u fl-istess perjodu huwa kienu spicca t-*training* tieghu u kien qieghed ifittex xoghol bhala konsulent izda ma sab l-ebda impjieg f'Malta jew fir-Renju Unit u filfatt mar NZ f'Mejju tal-2013. Illi minhabba f'hekk darba fil-gimgha ikollu *skype call* mal-minuri u darba fix-xahar il-minuri jmur izur lill-genituri tal-intimat.

Illi minkejja li huwa jigi Malta darbtejn jew tlieta fis-sena, l-attrici taghmel minn kollox biex tostakola l-access, b'dana illi l-intimat ikollu jaghmel rikors kull darba. Illi meta l-minuri kellu madwar tlett snin, l-attrici kienet issugerit illi huwa jirrinunzja ghall-paternita' u jieqaf jghaddilha manteniment. Illi meta huwa rrifjuta, l-attrici kienet pruvat li taghmel dan permezz ta' kawza, liema kawza pero, kienet giet michuda. Izid illi minkejja li l-attrici kienet fethet proceduri identici ghal din quddiem din il-Qorti diversament preseduta, l-attrici cediet l-imsemmija proceduri biex fethet dawk odjerni, wara li l-imhallef precedenti ma kienitx qieghda taqbel mal-pretensjonijiet tal-attrici.

L-intimat jishaq illi huwa determinat li jkun genitur tajjeb u li meta jkun hawn jiehdu f'diversi

postijiet. Jirrileva illi huwa jsegwi l-progress akkademiku tal-minuri ukoll.

***Omm l-attrici riprodotta in kontro ezami nhar l- 4 ta' Dicembru 2020 (vide fol 163)*** mistoqsija fejn qieghda tghix l-attrici fl-prezent, tindika illi l-attrici qieghda tghix dar ma' dar maghha, u cioe djar hdejn xulxin, b'dana illi d-dar tal-attrici tmiss mad-dar tax-xhud. Tispjega illi meta l-intimat ma jkunx Malta, huwa t-tifel li jiddeciedi jmurx x-xoghol m'ommu jew jibqax max-xhud, ghaliex il-minuri huwa *mummy's boy* u meta jkun maghha jistaqsi kemm ser iddum x-xoghol il-*mummy* anke jekk tkun marret ximkien ghal nofsiegha. Ix-xhud tikkonferma illi sakemm gew Malta, il-partijiet u l-minuri kienu jghixu l-S. Mistoqsija jekk l-attrici kienitx infurmat lill-intimat qabel telaq minn Malta lura ghall-S li kienet ser tibqa' Malta, ix-xhud tirrileva illi l-attrici ma kellhiex l-intenzjoni li tibqa' Malta. Xehdet li saret taf sussegwentement dwar d-disgwid bejn il-partijiet u li dawn kienu affarijiet li kellhom jqisu l-kontendenti.

Isostni illi l-minuri kien ghamel xi tlett gimghat biex fieq mill-*foot and mouth disease,* u li kien f'dawn it-tlett gimghat li l-attrici iddecidiet li ma tmurx lura minhabba t-theddid li sar minn fuq it-*telephone.* Mistoqsija jekk l-intimat kienx qieghed jesigi li l-attrici tirritorna lura, ix-xhud tishaq illi l-intimat riedha tmur lura biex tibqa' isseftirlu u li sa meta ggieldu, ix-xhud ma kinitx taf li kien qieghed jesigi li l-attrici torqod fuq is-sufan. Izzid illi kien lejn l-ahhar tat-tlett gimghat li l-attrici qaltilha li kienet ser tibqa' Malta, tant hu hekk, li hi ma kienitx gabet hwejjeg maghha la ghaliha u lanqas ghat-tarbija. Mistoqsija rigward il-*cake decoration course,* ix-xhud tixhed illi hija kienet taf li ser taghmlu dan il-kors, u li kienet ser taghmlu ghand il-mara tal-kugina taghha u kienet ser thallasulha hi, u li dan il-kors kien fl-istess zmien fuq perjodu ta' gimghatejn. Ix-xhud filwaqt li tikkonferma li l-minuri jirreferi ghall-intimat b'ismu D, tirrileva illi la hi u lanqas l-attrici ma jikkoregi lill-minuri meta jirreferi ghall-intimat bhala D, ghaliex il-minuri jaf li l-intimat mhux missieru. Izzid illi sakemm l-kontendenti gew hawn Malta, hi ma kienitx taf li l-intimat ma setghax ikollu tfal u filfatt din l-istorja harget wara li twieled il-minuri. Tikkonferma li hi gieli semghat lill-attrici tghid lill-minuri li l-intimat mhuwiex missieru u kkonfermat li anke hi qalet dan id-diskors lill-minuri.

Rigward l-access man-nanniet paterni, ix-xhud tispjega illi l-ahhar access ghand in-nanniet paterni, il-minuri ghamel xenata shiha beda jaghti lil ommu bis-sieq u bil-ponn u minkejja li huma jikkonragguh imur, il-minuri ghajjarhom kattivi u li ma kienux qieghdin jghinuh. Izid illi hi tghidlu li l-intimat mhuwiex missieru pero qieghed jaghtih il-flus u li ghandu jmur u jiehu pjacir. Mistoqsija ghalfejn huma jinfurmaw lit-tifel b'dak li jkun qieghed jigri l-Qorti, ix-xhud tirrileva illi l-minuri mhuwiex iblah, u jkun jaf meta jkun imisshom is-seduti peress li ma jkun

hemm hadd minnhom biex jigbru. Mistoqsija fuq il-btala li l-intimat xtaq jiehu lill-minuri Eurodisney, tikkonferma illi kemm hi u kif ukoll l-attrici kienu kontra din il-btala ghaliex l-intimat mhuwiex ragel li tista' tafdah. Tixhed illi hi qatt ma tghidlu kontra l-intimat pero meta l-minuri jaqbad is-suggett maghha, hi twiegbu skond ma jghidilha.

Mistoqsija fuq il-bond bejn il-minuri u l-intimat, ix-xhud isostni illi l-intimat kuntrarjament ghall-missieru u cioe n-nannu, meta jgibu lura u l-minuri jkun rieqed ma jerfghux, imma iqajmu biex jinzel mill-karozza. Izzid illi meta kien *baby* lanqas jilghab mieghu ma kien, u lanqas jaf kif jilghab mieghu, la jtih gazaza, u lanqas bottle. Meta l-minuri kiem afflitt bil-*foot and mouth disease*, l-intimat lanqas hareg mill-kamra biex jara x'ghandu l-minuri. Tispjega illi hi tiehu notamenti ta' dak li jghidilha t-tifel wara li jigi lura minn mal-intimat. Tikkonferma illi l-attrici, u cioe bintha, kienet resqet rikors il-Qorti biex l-intimat jigi dikjarat illi l-minuri mhux it-tifel tieghu u filfatt kienet taghtha xi flus.

***L-attrici riprodotta nhar l- 4 ta' Marzu 2021 in kontro ezami (vide fol 178 et seq)*** tikkonferma illi hija ghandha d-dar taghha u tghix hemmhekk flimkien mal-minuri, u li hija tahdem bhala *manager* f'lukanda. Tikkonferma ukoll illi fil-vaganzi tal-milied u tas-sajf, il-minuri jmur maghha x-xoghol peress li hemm facilita' ta' *child minding*, u jkun hemm perjodu fejn tiehu l-leave u pejodu fejn jibqa' m'ommha. Isostni illi hija riedet tibqa' Malta biex taghmel il-*course* tal-*cake decorating* li halset ommha stess, liema kors hija xtaqet li taghmel ir-Renju Unit izda l-intimat kien obbligaha li tiehu lill-minuri maghha, pero ma setghatx taghmel dan. Ghalhekk iddecidiet li taghmlu Malta. Tikkonferma illi dak iz-zmien it-tifel kien marad u din kienet raguni ohra il-ghaliex kellha tibqa' Malta. Tikkonferma illi qabel l-intimat mar lura, l-intenzjoni kienet li jisseparaw ghaliex kellhom argument kbir qabel ma telaq. Illi sussegwentement ghal dan l-argument, l-intimat kien qalilha li hi mhux taghmlu kuntent u minn hemm kellhom argument iehor u kienu ddecidew li jisseparaw. Tikkonferma illi hi ma kienitx qaltlu li ma kellhix intenzjoni li tmur lura, ghaliex l-intenzjoni taghha kienet li tmur lura. Pero la kienu ddecidew li jisseparaw, kellhom jiddeciedu kif u come. Tikkonferma illi l-intimat qabel telaq minn Malta haseb li hi u l-minuri kienu sejrin lura l-S.

Mistqosija fuq il-fatt li l-minuri jirreferi ghall-intimat b'ismu, l-attrici tikkonferma illi huwa jsejjahlu b'ismu u li hi ma tikkoregihx u thallih issejjahlu b'ismu u dana stante li l-minuri jaf bil-verita' kollha. Tikkonferma li l-kontendenti kienu qablu li l-minuri ghandu jkun jaf kollox minn meta l-minuri kien ghadu tarbija. Izzid illi l-ghazla jekk l-minuri jghajjatx lill-intimat "papa" o meno, hija decisjoni tal-minuri u li infurmat lill-minuri bic-cirkostanzi tat-twelid tieghu meta l-

minuri kellu madwar seba' jew tmien snin u bdiet tghidlu fuq dawn l-affarijiet b'mod gradwali. Tikkonferma illi hija kienet intavolat proceduri biex l-intimat jigi dikjarat illi mhuwiex missier il-minuri. Tispjega illi meta t-tifel jistaqsi fuq il-hinijiet hija tfehmu illi dawk huma hinijiet li ddecidiet il-Qorti, minhabba nuqqas ta' ftehim bejn il-kontendenti.

Izzid illi huwa bil-*buona volonta* taghha li l-intimat ghandu *skype call* ta' ghoxrin minuta darba fil-gimgha u dana stante li m'hemm xejn indikat fil-kuntratt fuq dan u li taghmel dan biex ikun hemm kuntatt. Tirrileva illi hi ma tiehux gost li tara lill-minuri imur kontra qalbu ghall-access mal-intimat u li hi tipprova tkun kemm jista jkun onesta u li l-unika drabi meta l-minuri jiehu gost waqt l-access, huwa meta l-intimat jiehu lin-neputi tieghu maghhom. Rigward Eurodisney, l-attrici tishaq illi l-minuri ma riedx imur u li hi oggezzjonat ghaliex l-intimat ma jafx jiehu hsieb lill-minuri.

***Riprodotta nhar it- 12 ta' Mejju 2021, in kontro-ezami, (vide fol 189A et seq)*** l-attrici konfrontata bil-fatt li l-ewwel darba li xehdet hija kienet cahdet li kienet interessata f'*cake decorating* kors li kien ser isir f'Malta, sakemm hija kienet hawn mal-intimat u l-minuri, twiegeb illi dan il-kors sar waqt li hija kienet f'Malta u li hi ma baqatx hawn minhabba l-kors. Mistoqsija ghalfejn cahdet l-ezistenza ta' dan il-kors, tishaq illi dan ma kienx aspett importanti u li din ma kienitx ir-raguni ghalfejn hija baqghet hawn.

Mistoqsija fuq l-access mal-genituri tal-intimat, ix-xhud tirrileva illi l-minuri ma jhobbx imur ghaliex l-genituri tal-intimat qeghdin jikbru u mhux isib x jaghmel sakemm ikun ghandhom. Ir-rikorrenti zzid illi ma hemmx biex tinkoraggixxi lit-tifel imur ghand in-nanniet paterni. Hi giet kostretta tghid lit-tifel li hu tnenut imur ghal saghtejn, irrid jew ma jridx. Rigward manteniment, l-attrici isostni illi l-intimat jghaddi manteniment imma ma jghaddix sehemu mill-ispejjes u ma tiftakarx li kien sar qbil fuq l-ispejjes u li fil-prezent qieghda thallashom kollha hi, pero' tikkonferma li hi qatt ma talbitu xejn apparti l-manteniment, li hija kellha assistenza legali waqt it-trattati tal-kuntratt ta' separazzjoni, u kienet fethet proceduri identici ghal dawn li gew minnha rtirati. Illi ghar-rigward, fix-xhieda taghha l-attrici tirrileva illi fil-fehma taghha l-Qorti kif diversament presuduta ma kienitx qieghda timxi b'mod gust fil-konfront tal-minuri.

**Ikkonsidrat:**

Fir-rigward tal-access mal-minuri, il-Qorti tqis illi huwa generalment fl-ahjar interess tal-minuri illi tigi preservata r-relazzjoni taghhom maz-zewg genituri, indipendentement mill-istat tar-

relazzjoni ta' bejn il-ġenituri stess. Illi l-Artikolu 57 tal-Kap 16 jipprovdi kif segwenti:

> ***(1) Tkun min tkun il-persuna li f'idejha jiġu fdati l-ulied minuri tal-miżżewġin, il-miżżewġin jibqgħu fil-jedd li jaraw li kollox qiegħed isir sewwa għal dak li hu manteniment u edukazzjoni, u jibqgħu obbligati li joħorġu s-sehem li jmisshom għall-manteniment u l-edukazzjoni, skont il-liġi.***
>
> ***(2) Hu mħolli fid-dehen tal-qorti li tistabbilixxi, skont iċ- ċirkostanzi, iż-żmien, il-lok, u l-mod li fihom il-miżżewġin ikollhom aċċess għall-ulied.***
>
> ***(3) Il-qorti tista' tipprojbixxi għal kollox lill-missier jew lill-omm li jkollhom aċċess għall-ulied minuri tagħhom, meta dan jista' jkun ta' ħsara għall-ġid ta' l-istess minuri.***

Meta *si tratta* ta' drittijiet tal-minuri vis-à-vis d-drittijiet tal-genituri l-Qorti hija fid-dover li tqis dejjem dak li hu fl-ahjar interess tal-minuri u dan peress li fil-maggor parti tal-kazijiet li jitressqu ghad-decizjonijiet tal-Qorti tal-Familja, kull decizjoni immankabilment thalli effett duratur fuq il-hajja tal-minuri u fuq il-hajja ta' dawk ta' madwar il-minuri. Illi gie rilevat mill-Qrati illi:

> ***"Din il-Qorti tibda biex taghmilha cara li, fejn jidhlu minuri, m'hemmx dritt ghall-access, izda obbligu tal-genituri li t-tnejn jikkontribwixxu ghall-izvilupp tal-minuri li, ghal dan il-ghan, jehtigilha jkollha kuntatt ma' ommha u anke ma' missierha. Kwindi lil min jigi fdat bil-kura tal-minuri u kif jigi provdut l-access, jiddependi mill-htigijiet tat-tifla u mhux mill-interess tal-genituri…Huma l-genituri li jridu jakkomodaw lit-tfal, u mhux vice versa. L-importanti hu l-istabbilita` emozzjonali tat-tifla, u li din ikollha kuntatt mal-genituri taghha bl-anqas disturb possibbli.[1]***

**Ikkonsidrat:**

Illi mill-atti jirrizulta illi l-partijiet kienu zzewgu fis-26 ta' Settembru 2010 f'Malta u li qabel iz-zwieg huma kienu ilhom mis-sena 2006 jghixu flimkien l-S. Illi minhabba problemi ta' fertilita' da parti tal-intimat, wara process ta' hdax (11)-il ciklu ta' *donor artificial insemination*, twieled

[1] Vide decisjoni tal-Qorti tal-Appell datata 3 ta' Ottubru 2008 fl-ismijiet Miriam Cauchi vs Francis Cauchi.

il-minuri NCV f'X gewwa A, S. Dana kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid *a fol 6*, liema twelid huwa ukoll registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta (vide *a fol 7* tal-atti). Illi filwaqt li l-minuri huwa biologikament iben l-attrici omm, biologikament mhuwiex iben l-intimat. Illi jirrizulta illi l-minuri gie registrat bhala iben l-intimat CV. Illi sussegwentement il-partijiet kienu sseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni fl-atti tan-Nutar Dottor Marco Burlo' datat 4 ta'Marzu 2013. Illi minn qabel ma l-partijiet iffirmaw il-kuntratt hawn fuq indikat, l-attrici kienet qieghda tirrisjedi Malta flimkien mal-minuri, filwat li l-intimat kien irritorna lura l-S fejn kien qieghed jirrisjedi wahdu u sussegwentement qed jghix u jahdem f'NZ.

Illi l-kura, kustodja u l-access kienu gew regolati permezz tal-kuntratt pubbliku su indikat, u kien gie miftiehem illi l-konvenut ikollu access liberu ghall-minuri meta jkun ghall-btala Malta, u wara li l-minuri jghalaq hames (5) snin, il-konvenut ikun intitolat li jraqqad mieghu lill-minuri fil-*weekends*, b'dana illi dawna l-arrangamenti kellhom imbaghad jergghu jinbidlu meta l-minuri jaghlaq tmien (8) snin u dana *stante* li l-imsemmi ftehim kien ibbazat fuq il-premessa li l-konvenut kien sejjer jibqa jghix fl-esteru.

Illi permezz ta' rikors promotur l-attrici qieghda titlob lil din il-Qorti (1) thassar u tannulla, fl-interess suprem tal-istess minuri NCV, dak kollu miftiehem mill-kontendenti fl-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni tal-4 ta' Marzu 2013 dwar il-granet, hinijiet u modalitajiet ohra ta' access stabbiliti fl-imsemmi kuntratt favur il-konvenut fir-rigward tat-tifel minuri NCV, inkluz il-modalitajiet ta' access; (2) tordna illi, fl-interess suprem tal-istess minuri, l-konvenut u l-genituri tieghu ma jkollhom ebda access ghall-istess minuri; u (3) jekk kemm il-darba t-talba precedenti ma tigix milqugha in toto, tordna illi l-access tal-konvenut ghall-istess minuri NCV jkun ridott ghal dawk il-granet u hinijiet illi jkun wera l-minuri illi jixtieq li jkollu kuntatt mal-konvenut.

Illi minn naha l-ohra, il-konvenut in via ta'eccezzjoni preliminarja eccepixxa illi l-ewwel talba tar-rikorrenti, in kwantu din titratta t-thassir u n-nullita' ta' parti biss tal-att pubbliku tal-4 ta' Marzu 2013, kienet improponibbli, stante ukoll li fi kwalunkwe kaz, ma tezisti ebda raguni fil-ligi illi in forza taghha l-att pubbliku in kwistjoni jista' jigi dikjarat null u konsegwentement imhassar.

Illi din il-Qorti rat ukoll illi l-attrici kienet diga intavolat proceduri b'talbiet kwasi identici ghal kollox quddiem din il-Qorti diversament preseduta, liema proceduri gew ceduti mill-istess attrici bil-konsegwenza li ftit wara l-istess attrici intavolat il-proceduri odjerni quddiem din il-Qorti kif preseduta.

Illi din il-Qorti qabel xejn, tghaddi biex tezamina l-eccezzjoni preliminarja avvanzata mill-konvenut fir-risposta guramentata tieghu.

Illi jinsab abbraccjat mill-gurisprudenza nostrali l-principju li s-separazzjoni konsenswali ghandha n-natura ta' kuntratt veru u proprju, b' mod li l-pattijiet li jsiru fih ma jistghux jithassru jew jigu mibdula hlief bil-volonta' tal-kontraenti, jew bir-rinunzja, jew ghar-ragunijiet li l-kuntratti in generali jistghu jigu mhassra - *quibus modis obligamur, eisdem in contrarium actis liberamu.*

Il-Qorti ghalhekk tqis b'mod generali li dak pattwit f'kuntratt ta' separazzjoni, bhal kull kuntratt iehor, ghandu jitqies bhala vinkolanti daqs ligi bejn il-partijiet b'applikazzjoni tal-principju *pacta sunt servanda*. Tali principju huwa inkorporat fil-ligi taghna permezz tal-Artikolu 992 tal-Kapitolu 16 li jiddisponi:-

> ***"(1) Il-kuntratti maghmula skont il-ligi ghandhom sahha ta' ligi ghal dawk li jkunu ghamluhom.***
> ***(2) Dawn il-kuntratti ma jistghux jigu mhassra hlief bil-kunsens ta' xulxin tal-partijiet, jew ghal ragunijiet maghrufin mill-ligi".***

Fil-kaz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali inghad li:

> ***"..il detto obbligo [di somministrare alimenti] non essendo legale, ma derivante da convenzione , sebbene contrattato fra persone alle quali la legge impone l' obbligo di somministrare gli alimenti, devono essere allo stesso applicate le regole ordinarie dei contratti." [PA Anton Maria Cesareo vs Aetano Cesareo [1880] citata b' approvazzjoni fil-kawza PA Helen Galea vs Carmelo Galea deciza 2.02.1956, u kazistika citata]***
>
> ***L-unici eccezzjonijet ghal dan il-prinipju jinsabu: [1] fid-dispost ta' l-Artikolu 61 tal-kap.16 relattiv ghal kura u kustodja tal-minuri; u [2] fil-principju nemo ad impossibilia tenur applikat fit-termini ta' l-insenjament tal-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Civili fil-kawza Alfred Grech vs Pauline Grech***. deciza 16.04.2004.

Illi l-artikolu 61 tal-Kodici Civili jistipula s-segwenti:

***61.(1) Kull ftehim bejn il-mara u r-raġel dwar il-kustodja tat-tfal jista', f'kull żmien, fuq talba tal-mara jew tar-raġel, jew ta' xi qarib ta' xi ħadd minnhom, jiġi annullat mill-qorti kompetenti, meta hekk ikun meħtieġ għall-ġid tat-tfal.***

***(2) F'dak il-każ, il-qorti għandha tiddeċiedi f'idejn min għandhom jiġu mogħtijin it-tfal, u kif għandhom jitmantnew u jiġu edukati***

Illi inghad minn din il-Qorti diversament preseduti, illi ghalkemm huwa principju li kuntratt huwa ligi bejn il-partijiet u li l-massima legali "pacta sunt servanda" ghandha tigi segwita, fejn jidhlu kuntratti li jistipulaw, bl-approvazzjoni tal-Qorti, f'idejn min ghandha tkun il-kura u kustodja ta' minuri kif ***ukoll il-modalita' tal-access*** tali stipulazzjonijiet jistghu, f'kazijiet eccezzjonali, ***jigu emendati jekk l-interess suprem tal-minuri jkun hekk jiddetta.***

**Illi ghalhekk, u fid-dawl ta' tali insenjamenti li din il-Qorti tabbracja pjenament, jirrizulta illi l-eccezzjoni preliminarja eccepieta mill-intimat ma ssibx applikazzjoni stante li Kodici Civili jikkontempla sitwazzjonijiet fejn klawsoli f' kuntratt ta' separazzjoni fejn jitratta tfal minuri, jistghu jigu varjati. Illi pero', tali possibilita' hija kwalifikata mill-premessa li tali varjazzjoni jew emenda <u>ghandha tkun dettata mill-interess suprem tal-minuri.</u>**

Illi ghalhekk din il-Qorti sejra issa tghaddi biex tezamina jekk effettivament l-attrici ippruvatx illi l-interess suprem tal-minuri N jiddetta li dak kollu miftiehem mill-kontendenti fl-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni tal-4 ta' Marzu 2013 dwar il-granet, hinijiet u modalitajiet ohra ta' access stabiliti fl-imsemmi kuntratt favur il-konvenut fir-rigward tat-tifel minuri inkluz il-modalitajiet ta' access, ghandux jigi emendat jew annullat.

Illi mill-kuntratt esebit in atti *a fol 8 et seq* tal-process, jirrizulta illi l-partijiet kienu qablu illi:

2***(a) the said minor child shall for the duration of his minority remain subject to the care, custody and authority of JCV however, all major decisions concerning the welfare, education and health of the said child shall, unless otherwise stipulated in this Deed be taken jointly by both parents;***

***(b) the daily care of the said child is entrusted to appearer JCV, save for visitation rights being reserved hereunder in favour of the Husband;***

***(c) during the period that the Husband will be residing abroad, the Husband shall, for any period in which he visits Malta on vacation, enjoy free and unencumbered access to the said minor child; adequate notice of the Husband's vaction dates is to be given to the Wife. The Husband's entitlement to access as hereabove explained shall also include, (once the child is over five (5) years of age, the entitlement of the Husband to have the said child sleep overnight at his place of residence every weekend, one week from Friday to Saturday and the other week from Saturday to Sunday alternatively.***

***(d) without prejudice to the above stipulation, during such period that the Husband shall be residing away from Malta, the Wife shall be obliged to grant access to the said mior child to the paternal grandparents for two (2) hours per month (which are to be agreed upon between the parties) at their residence……***

***(e) During such period that the Husband shall be residing away from Malta and until the child reaches the age of eight (8) years, the Wife shall be obliged to take the child to visit the Husband for a period of one (1) week in every calendar year. Provided that such visitation period shall be established by agreement between both parties and in absence of said agreement by the competent court in Malta… the Provisions of this stiupaltion apply in so far as the Husband shall be residing within a member of the European Union.***

***(f) during such period that the Husband shall be residing away from Malta and once the child attains the age of eight years, the Husband will be entitled and the Wife shall in this respect be obliged , to have the said child visit him and reside with him for a period of one (1) month per calendar year, at the sole cost of the Husband. The provisions on this stipulation apply irrespective of the country in which the husband shall be residing; the provisions of this stipulaton apply further to the following terms and conditions:***

***(i) Such visitation period shall be established by agreement between both parties.***

***(ii)*** ***The child may for the entire duration of the aforesaid month or for parts thereof, be accompanied by the paternal grandparents, paternal aunt and/or paternal uncle.***

***(iii)*** ***During such period that the said child shall not be in the presence of the Husband, due to the latter's work commitments, the child shall attend an after school club or be attended to by a nanny of repute or be attended to by any of the husband's family members mentioned in clause (ii) hereabove.***

***(iv)*** ***The wife shall have full access and be entitled to all information with regards to these settings.***

***(v)*** ***The Wife shall have the right to contact the child at any time of day.***

***(vi)*** ***The Husband or the persons mentioned in clause (ii) above shall pick up the child from the Wife's residence and return him back to the wife's residence at his sole cost and expense. During such period that the aforementioned one (1) month period, the Wife shall have visitation rights in respect of the said minor child as above mentioned.***

***(g) without prejudice to what has been above agreed, in the event that the Husband will be permanently residing in Malta, the Husband shall, irrespective of the minor's age have visitation right on two (2) days a week which are to be agreed upon between the parties for a maximum period of two (2) hours each visitation day. The Husband shall furthermore enjoy visitation rights in the form of overnight sleepovers every weekend, one week from Friday to Saturday and the other week from Saturday to Sunday alternatively.***

***The parties shall ensure that each one of them shall have access to the said child on Christamas Eve, Christamas Day, Easter Sunday, New Year's Eve, New Year's Day Mother's Day Father's Day on the said child's birthday and on the birthday of each party.***

Illi l-Qorti tosserva illi l-klawzoli li jirrigwardaw l-access huma piutost dettaljati u ezawrjenti, b'dana illi jidher li l-partijiet ghamlu diversi stipulazzjonijiet b'mod illi jigu indirizzati ipotesi varji, u dana tenut kont tal-fatt li l-partijiet kienu it-tnejn konsapevoli li probabilment il-konvenut kien ser ikun qieghed jghix l-esteru. Illi din il-Qorti oltre l-fatt li semghat lill-partijiet jixhdu *viva voce,* kellha l-opportunita' li tisma lill-minuri N li llum ghandu ghaxar (10) snin *in*

*camera* f'zewg okkazjonijiet diversi. Kif diga osservat minn din il-Qorti fid-digrieti precedenti taghha, il-minuri huwa tifel ta' intelligenza u sensitivita' ferm aqwa minn dak li wiehed jispetta minn tifel ta' l-eta tieghu.

Illi din il-Qorti wara li rat l-atti allegati, qiset it-testimonjanzi tal-partijiet, u dak rilevat mill-minuri, hija l-fehma konsiderata taghha illi d-distakk minn mal-intimat sa minn eta' tant tenera anke jekk minhabba ragunijiet professjonali f'NZ, indubjament halliet impatt kbir fuq il-minuri fuq r-relazzjoni li ghandu ma' missieru. Illi t-trapass taz-zmien bejn visita u ohra qieghed ikompli johloq disagu fir-rapport bejn l-intimat u l-minuri, bil-konsegwenza li l-minuri jkun nervuz meta jigi biex iqatta' hinijiet twal ma'missieru l-intimat wara assenza ta' xhur shah. Illi Qorti osservat ukoll illi l-intimat di natura introvert u jsibha difficli biex jesprimi l-emozzjonijiet tieghu, u x'aktarx jsib difficli wkoll relazzjonijiet interpersonali. Filfatt dan qieghed ikun ta' ostaklu sabiex ir-rapport u l-*bond* bejn l-intimat u l-minuri jizviluppa. Illi dan flimkien mad-distakk fiziku tal-intimat li huwa resdienti f'NZ, jirrendi ferm aktar difficli li il-formazzjoni tar-relazzjoni bejn il-minuri u l-missier u t-trawwim taghha. F'dan is-sens, l-Qorti nnutat illi l-minuri jsib diffikulta u jirribella li ghandu jqatta' hin ma' missieru kull darba li missieru jiddeciedi li jigi Malta. Di piu' il-minuri jikkonsidra illi missieru ma jafux u ma jifhmux u fil-hin tal-access ma jsir ebda *interaction* bejn il-missier u l-iben il-ghaliex l-missier jqatta' l-hin kollu jew fuq il-*computer* jew fuq is-*sunbed.*

Illi din il-Qorti dejjem irriteniet illi fejn jidhol access il-Qorti trid taghti priorita' il-htigijiet tal-minuri. Filwaqt li minn banda wahda huwa fl-interess tal-minuri li jkollhom relazzjoni sana ma' entrambi genituri, huwa daqstant iehor fl-interess tal-minuri li l-programm tal-access m'ghandux ifixkel l-istabbilita' tal-minuri u johloq ansjeta u dieqa fil-hajja tieghu. Illi din il-Qorti rat ukoll kif it-tifel ihossu iktar komdu meta ghall-access ikun hemm prezenti kuginuh u ghalhekk tqis illi l-presenza tal-istess ghandha tkun ta' gid ghall-minuri N. Illi huwa essenzjali ukoll illi l-attivitajiet waqt l-access ikunu **varjati** minn darba ghall-ohra u dana sabiex kemm jista' jkun il-minuri li huwa tifel intelligenti ghall-ahhar jibqa' *engaged* u entuzjazt. Jghin ukoll jekk waqt l-access l-intimat jaghmel l-almu tieghu biex ma jqattghax hinijiet twal fuq mezzi eletronici. Dawn il-mezzi ma jibnux relazzjonijiet interpersonali. Illi pero' din il-Qorti ma tqisx illi jezistu ragunijiet impellanti validi fil-ligi sabiex l-intimat jigi mcahhad mill-access minn ma' ibnu.

Illi ghalhekk din il-Qorti tirrileva illi l-hinijiet tal-access ghandhom ikunu aktar bilancjati, u bil-mod segwenti:

F'dak il-perjodu fejn l-intimat ser ikun qieghed Malta, filwaqt li l-intimat ghandu jkollu access liberu u ampju, din il-Qorti tqis illi dan l-access m'ghandux jeccedi total ta' sitt (6) sieghat matul il-gimgha li idealment ghandhom ikunu mifruxa fuq medda ta' tlett ijiem. Illi ulterjorment l-intimat ghandu jkollu ukoll dritt ta' *sleepover* b'mod alternat fl-eventwalita' li jkun ser jaghmel iktar minn sebat ijiem Malta. Illi fix-xhur fejn l-intimat ma jkunx qieghed Malta, din il-Qorti tordna illi l-intimat ikollu dritt ta' access b'mod virtwali ghal siegha fil-gimgha u dana sabiex il-kuntatt bejn il-missier u l-minuri ma jitterminax ghal kollox.

Illi din il-Qorti tqis illi l-access man-nanniet paterni m'ghandux jkun ridott il-ghaliex it-tifel jidher li ghandu relazzjoni sana man-nannu patern u ghalhekk tordna li dan l-access jkun ghal saghtejn kull xahar. Illi fic-cirkostanzi u wara li hadet konjizzjoni tax-xewqat tal-minuri din il-Qorti ma tqisx illi l-ahjar interess tal-minuri jiddetta li fil-futur qarib jsiefer mal-intimat missieru.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti filwaqt li tichad it-tielet eccezzjonji preliminarja tal-intimat, taqta' u tiddeciedi billi filwaqt li tiddikjara li huwa meħtieġ għall-ġid tal-minuri N, tichad l-ewwel zewg talbiet attrici u limitatament tilqa' it-tielet talba attrici billi tvarja dak miftiehem bejn il-partijiet fil-kuntratt ta' separazzjoni fl-atti tan-Nutar Dr Marco Burlo datat 4 ta' Marzu 2013 ghar-rigward il-modalita' u l-hinijiet tal-access tal-intimat missier versu l-minuri, precizament dak indikat fil-klawsola bin-numru 2(c) sa (g) bil-mod segwenti:**

i. **F'dak il-perjodu fejn l-intimat ser ikun qieghed f'Malta, din il-Qorti tqis illi dan l-access m'ghandux jeccedi total ta' sitt (6) sieghat matul il-gimgha li idealment ghandhom ikunu mifruxa fuq medda ta' tlett ijiem fost il-gimgha.**

ii. **Illi ulterjorment l-intimat ghandu dritt ta' *sleepover* b'mod alternat fl-eventwalita' li jkun ser jaghmel iktar minn sebat (7) ijiem f'Malta, b'dana illi l-intimat ghandu jigbor lill-minuri fis-6:00pm u jirritorna lura lill-minuri ghand l-omm, l-ghada fis-1.00pm l-ewwel gimgha mis-Sibt ghall-Hadd u l-gimgha sussegwenti mill-Gimgha ghas-Sibt fil-hinijiet hawn fuq indikati; Illi fic-cirkostanzi u wara li hadet konjizzjoni tax-xewqat tal-minuri din il-Qorti ma tqisx illi l-ahjar interess tal-minuri jiddetta li fil-futur qarib jsiefer mal-intimat missieru.**

iii. **Illi fix-xhur fejn l-intimat ma jkunx qieghed Malta, din il-Qorti tordna illi l-intimat ikollu dritt ta' access b'mod virtwali ghal siegha fil-gimgha u dana sabiex il-kuntatt bejn il-missier u l-minuri ma jiddettjorax.**

iv. **Illi din il-Qorti tqis illi l-access man-nanniet paterni ghandu jkun ghal saghtejn kull xahar.**

**L-ispejjez ghandhom jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet.**

**Moqri.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**

**Deputat Registratur**

***B'digriet tal-21 ta' Jannar 2022, l-isem fl-okkju ghandu jinqara bhala 'JMS', minflokk 'MS'.**

**Illum 21 ta' Jannar 2022.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Christabelle Cassar**
**Deputat Registratur**